# DMV Scleral Cup™



## Għal Lentijiet tal-Kuntatt Sklerali u Għajnejn Prostetiċi

**Użu Intenzjonat**

DMV Scleral Cup hija ddisinjata għal biex wieħed idaħħal/ineħħi lentijiet tal-kuntatt Sklerali u għat-tneħħija ta' Għajnejn Prostetiċi.

**Istruzzjonijiet għall-użu**

Qabel ma tużah għall-ewwel darba, naddaf it-tagħmir b'70% isopropyl alcohol u ħallieh jinxef b'mod naturali.

Tneħħija – Xarrab kemxejn it-tazza tal-ġbid tal-arja u agħfas il-manku. Poġġi t-tazza tal-ġbid tal-arja kontra l-lenti tal-kuntatt sklerali billi tuża mera. Erħi t-tensjoni fuq il-manku biex tippermetti l-ġbid tal-arja sabiex iżżomm il-lenti tal-kuntatt. Il-lenti tal-kuntatt tista' mbagħad tiġi mmanipulata b'tali mod li jippermetti li l-lenti tal-kuntatt titneħħa minn mal-għajn. Segwi l-istruzzjonijiet tal-fitter tal-lenti tal-kuntatt tiegħek għall-aqwa teknika. Wara t-tneħħija, erġa' agħfas il-manku biex terħi l-ġbid tal-arja u tneħħi l-lenti mit-tazza tal-ġbid tal-arja

Inserzjoni – Poġġi l-lenti tal-kuntatt imxarrba fuq it-tazza mingħajr ma tikkompressa l-manku. Il-lenti mxarrba se teħel mat-tazza. TAGĦFASX il-manku waqt li tkun qed iddaħħal il-lenti. Ġentilment poġġi l-lenti sklerali fl-għajn miftuħa.

Segwi l-istruzzjonijiet tal-fitter tal-lenti tal-kuntatt tiegħek/tal-professjonista tal-kura tal-għajnejn tiegħek.

**Tindif**

Kull darba wara li tuża DMV Scleral Cup, naddafha b'70% isopropyl alcohol u ħalliha tinxef b'mod naturali. Aħżen it-tagħmir fil-kaxxa tiegħu wara li jinxef. Żomm il-kanal tal-arja ħieles mill-fdalijiet. Ippjana li tissostitwixxieh darba kull sitt xhur.

**Prekawzjoni:** Jekk id-DMV Scleral Cup teħel aċċidentalment mal-għajn, agħfas ħarira l-manku biex terħi l-ġbid tal-arja u tneħħieha minn mal-għajn.

**Attenzjoni:** Jekk jogħġbok żomm dan il-prodott 'il bogħod mil-likwidi bħal krema tal-idejn, ġells tax-xagħar, likwidu għat-tneħħija tal-verniċ tad-dwiefer u sustanzi ossidanti qawwijin.

**Attenzjoni:** Periklu ta' fgar. Żomm dan u l-apparati mediċi kollha 'l bogħod minn tfal żgħar. Dan il-prodott mhux rakkomandat biex jintuża ma' għajnejn li għandhom xi mard jew ħsara. Jekk tesperjenza irritazzjoni fl-għajnejn, indeboliment jew uġigħ fil-vista mhux tas-soltu, ikkonsulta lill-professjonista tal-kura tal-għajnejn tiegħek.

**Attenzjoni:** Għalkemm m'hemm l-ebda evidenza ta' problemi ta' allerġija b'dan il-prodott, **fih gomma naturali xotta. Ma fihx latex likwidu**, allerġen magħruf.

**TUŻAX DMV Scleral Cup għal lentijiet tal-kuntatt ROTOB jew Ibridi.**

Jekk kellek kwalunkwe inċident serju b'rabta ma' dan it-tagħmir, irrappurtah lill-manifattur. Jekk inti residenti fl-UE, irrapporta l-inċident lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li inti stabbilit fih.

Dan il-prodott jippermetti lil persuni li jilbsu l-lentijiet tal-kuntatt biex idaħħlu u/jew ineħħu l-lentijiet tal-kuntatt tagħhom sabiex jużawhom skont l-iskop intenzjonat. Għalhekk dan il-prodott huwa meqjus li huwa apparat mediku.

MD Dan il-prodott huwa apparat mediku

Ipproteġi mix-xemx diretta

105°C 220°F Taħżinx f'temperatura ogħla minn 105° C/220°F

Pazjent wieħed - użu multiplu

Aqra l-Istruzzjonijiet għall-Użu dmvcorp.com

Data tal-Manifattura

CE

Distribution Europe:
Prolens AG, Josefstrasse 53
CH-8005, Zürich

DMV Corporation
1024 Military Road
Zanesville, Ohio 43701 - USA

EC REP

Emergo Europe
Prinsessegracht 20
2514 AP, The Hague - The Netherlands